MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 229/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi il-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin ta` Jannar 1996;

Illi min dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal R ta` erbatax (14) il-sena u X ta` tlettax (13) il-sena;

Illi l-esponenti tikkonferma li l-manteniment dejjem thallas u ma hemmx arretrati;

Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom separate ghal iktar min erba (4) snin u cioe mit-22 ta` Marzu 2001 Dok A;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha ippremetta :

Illi huwa jaqbel illi huwa zzewweg lil A B fis-sebgha u ghoxrin ta’ Jannar tal-elf disgha mija u sitta u disghin (1996):

Illi huwa jaqbel illi l-partijiet kellhom zewgt itfal R ta’ erbatax (14) –il sena u X ta’ tlettax (13) –il-sena;

Illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut;

Illi m’hemm l-ebda prospett illi l-partijiet jirrikonciljaw;

Illi l-fatti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont il-ligi;

Illi huwa ma jistax jattendi ghas-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2012 pero’ huwa ma jopponix it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna r-Registratur tal-Qrati sabiex jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju sabiex ikun jista jirregistrah fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha iddikjarat ix-xewqa taghha li tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Debono u rat illi l-intimat ma opponix ghal din it-talba tar-rikorrenti;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Marzu 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Debono u qeghda tilqa t-talbiet fir-rikors promotur, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------